# Ix-Xogħol

Il-qgħad huwa sfida għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Minkejja li l-ekonomija dinjija sejra lura, l-Unjoni Ewropea kienet kapaċi toħloq 5 miljun impjieg ġdid u mill-1997 tnaqqas il-qgħad b'2 miljuni. Madanakollu, fl-Unjoni Ewropea hemm madwar 14-il miljun ruħ bla xogħol.

IL-GRUPP PARLAMENTARI
TAL-PARTIT
TAS-SOĊJALISTI EWROPEJ



Jekk trid tikseb iktar informazzjoni dwar il-ħidma tas-Soċjalisti Ewropej fil-qasam ta' l-impjiegi, jekk jogħġbok żur dawn il-websites:

↓

**Grupp PES:**
**http://www.socialistgroup.org**
**PES:**
**http://www.pes.org**





**Kuntatti**
Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej,
Parlament Ewropew, Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel.: +32 2 284 14 40
E-Mail: peswbprogramme@europarl.eu.int

EMPL - MT
Resp. editor: Christine Verger, PES Group, Wiertz Str., B-1047 Brussels
Design/production: Mostra Communication



**L-Unjoni Ewropea**
↓

## Ix-Xogħol
## Sfida tagħna lkoll

L-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea dwar ix-Xogħol tnediet fl-1997. Din l-istrateġija tqis lix-xogħol bħala sfida komuni u għan ewlieni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fis-sena 2000, l-Unjoni Ewropea qieset bħala għan ewlieni tagħha l-ħolqien tax-xogħol għal kulħadd u l-ħolqien ta' iktar impjiegi ta' kwalita`. Dan ifisser:

- Taħriġ kontinwu u tagħlim tul il-ħajja kollha.
- Żieda sostanzjali fix-xogħol bil-ħolqien ta' 20 miljun impjieg ġdid sas-sena 2010.
- Titjib fil-kwalita` tax-xogħol tagħna.

L-introduzzjoni tal-munita komuni – il-Euro – ħolqot is-sisien biex insaħħu l-koordinazzjoni tal-politika monetarja u ekonomika bejn il-pajjiżi Ewropej.

B'mod partikolari hija naqqset ir-riskju ta' staġnar ekonomiku. Koordinazzjoni iktar b'saħħitha tar-regoli ekonomiċi ser joħoqlu bażi għall-istabilita` fis-suq tax-xogħol Ewropew.

**Is-Soċjalisti Ewropej**
↓

## Xogħol, Xogħol, Xogħol

Għas-Soċjalisti Ewropej, il-ġlieda kontra l-qgħad m'hix biżżejjed. Is-Soċjalisti Ewropej jemmnu li x-xogħol għandu jkun għal kulħadd. L-Ewropa trid tkun inklussiva. Irridu noħolqu x-xogħol iżda wkoll nintegraw l-gruppi l-inqas vantaġġati fis-suq tax-xogħol. Kulħadd irid jaħdem: iż-żgħażagħ u x-xjuħ, in-nisa, il-persuni b'diżabilita` u l-gruppi minoritarji fis-soċjeta` tagħna. Ser nindirizzaw il-problema li qed jolqtu l-ħajja tal-familji tagħna u attenzjoni speċjali trid tingħata lir-reġjuni li huma inqas vantaġġati minn oħrajn.

**Il-Ġid għaż-żmien li ġej**
↓

## Aċċess Sħiħ
## għas-Suq Ewropew

Il-Purtiera tal-Ħadid waqqgħet iktar minn għaxar snin ilu. Madankollu, xorta hemm xkiel qawwi għall-moviment ħieles tal-ħaddiema mill-pajjiżi taċ-ċentru u lvant ta' l-Ewropa. It-tneħħija ta' dan ix-xkiel iġib bidliet kbar fis-suq tax-xogħol Ewropew.

Il-pajjiżi membri ġodda ser jipparteċipaw bis-sħiħ fil-*European Employment Service (EURES)* u l-*European Social Fund (ESF)*. It-tir tal-EURES bħalissa huwa li tiffaċilita il-moviment ħieles tal-ħaddiema fi sbatax – il pajjiż – l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u n-Norveġja – filwaqt li l-ESF qed taħdem sabiex ixxejjen il-problema tan-nies li ilhom bla xogħol għal żmien twil.

Il-membri ġodda ta' l- Unjoni Ewropea diġa` qed jipparteċipaw fi proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea sabiex joħolqu opportunitajiet ġodda ta' xogħol.

Ewropa akbar b'xogħol għal kulħadd hija realta` li tista' titwettaq – Ewropa li ġġib aktar ġid mhux biss għall-pajjiżi membri fi ħdanha iżda wkoll għall-pajjiżi ġirien.



